# IL-KUMMISSJONI

**Emenda għas-sejħa għal proposti tal-2009 għal azzjonijiet indiretti fi ħdan il-Programm Komunitarju pluriennali [multiannwali] dwar il-ħarsien tat-tfal li jużaw l-Internet u t-teknoloġiji l-oħrajn tal-komunikazzjoni**

*(Internet aktar Sikur)*

*(Ippubblikata fil-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea C 132 tal-11.6.2009, p. 10)*

(2009/C 261/15)

L-emenda li ġejja ġiet deċiża mill-Kummissjoni fid-29 ta' Ottubru 2009 ([1]):

**Paragrafu 5**

għal: "Il-baġit totali indikattiv disponibbli għal din is-sejħa fi ħdan il-baġit għas-sena 2009 huwa ta' EUR 9 333 miljun mill-kontribut Komunitarju. Sabiex jiġi żgurat l-għan ta' kopertura sħiħa tan-netwerk Ewropew integrat taċ-ċentri għal Internet aktar Sikur, il-baġit tas-sejħa tal-2009 għall-proposti jista' jissaħħaħ permezz ta' approprjazzjonijiet mill-baġit tal-2010, bla ħsara għall-adozzjoni tal-baġit tal-2010 mill-Awtorità Baġitarja u għad-disponibbiltà ta' approprjazzjonijiet. Jekk jiġi deċiż tisħiħ tali, dan għandu jitwettaq qabel id-data ta' skadenza ta' din is-sejħa."

aqra: "Il-baġit totali indikattiv disponibbli għal din is-sejħa mill-baġit għas-sena 2009 huwa ta' EUR 9,333 miljun mill-kontribut Komunitarju, u sabiex jiġi ggarantit l-għan ta' kopertura sħiħa tan-netwerk Ewropew integrat ta' Ċentri tal-Internet aktar Sikuri, EUR 7,317 miljun mill-baġit tal-2010 ([2]). Il-baġit totali disponibbli għal din is-sejħa huwa għalhekk ta' EUR 16,650 miljun."

Id-dispożizzjonijiet l-oħra kollha jibqgħu kif inhuma.

---

([1]) Id-Deċiżjoni tal-Kummissjoni C(2009) 8301.

([2]) Soġġett għall-adozzjoni tal-baġit 2010 mill-Awtorità tal-Baġit u għad-disponibbiltà tal-approprjazzjonijiet.